

Partijiet oħra fil-proċedura: Feng Shen Technology Co. Ltd (rappreżentant: P. Rath, avukat), L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla), tal-21 ta' Marzu 2012, Feng Shen Technology vs UASI — Majtczak (FS) (T-227/09), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni R 529/2008-4 tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tal-1 ta' April 2009, li tiċħad ir-rikors kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni li tirrifjuta t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mir-rikorrent kontra t-trade mark figurattiva "FS", għal prodotti fil-klassi 26

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Jarosław Majtczak huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 258, 25.08.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tas-7 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank van Koophandel te Gent — il-Belġju) — Euronics Belgium CVBA vs Kamera Express BV, Kamera Express Belgium BVBA

(Kawża C-343/12) (¹)

(Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura — Direttiva 2005/29/KE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi b'mod ġenerali l-offerta għal bejgħ jew il-bejgħ ta' beni b'telf)

(2013/C 129/09)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank van Koophandel te Gent

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Euronics Belgium CVBA

Konvenuta: Kamera Express BV, Kamera Express Belgium BVBA

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank van Koophandel te Gent — Il-Belġju — Interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru

2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali") (ĠU L 149, p. 22) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi projbizzjoni ġenerali ta' bejgħ b'telf, mingħajr ebda eċċezzjoni, u intiża li tipproteġi, fost l-oħrajn, l-interessi tal-konsumaturi — Kompatibbiltà mad-Direttiva 2005/29

Dispożittiv

Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiki kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar il-prattiki kummerċjali żleali") għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprovdi projbizzjoni ġenerali tal-offerta għal bejgħ jew tal-bejgħ ta' beni b'telf, sa fejn din id-dispożizzjoni jkollha għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi.

(¹) ĠU C 303, 06.10.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-7 ta' Marzu 2013 — Luigi Marcuccio vs Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-433/12 P) (¹)

(Appell — Rikors għad-danni mhux kuntrattwali — Rifjut mir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja li jilqa' l-ittri tal-appellant indirizzati lill-Ewwel Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Artikolu 256(2) TFUE — Talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid ta' ċerti deċiżjonijiet li jtemmu l-kawża mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-kawża appellati)

(2013/C 129/10)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Appellant: Luigi Marcuccio (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Suġġett

Appell ippreżentat mid-digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-3 ta' Lulju 2012, Marcuccio vs Il-Qorti tal-Ġustizzja (T-27/12), li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ħadet rikors għad-danni intiż għall-kumpens tad-dannu allegatament subit mill-appellant minħabba r-rifjut tar-Reġistru li jilqa' n-noti mibgħuta mill-appellant lill-Ewwel Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar talba għall-ftuħ ta' proċedura ta' eżami mill-ġdid tad-deċiżjonijiet li jtemmu l-kawża, mogħtija mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-278/07 P, T-114/08 P, T-32/09 P u T-166/09 P

Dispożittiv

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

(¹) ĠU C 355, 17.11.2012.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale di Tivoli — l-Italja) Claudio Loreti, Maria Vallerotonda, Attilio Vallerotonda, Virginia Chellini vs Comune di Zagarolo

(Kawża C-555/12) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Assenza — Inkompetenza manifesta tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2013/C 129/11)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Tivoli

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Claudio Loreti, Maria Vallerotonda, Attilio Vallerotonda, Virginia Chellini

Konvenut: Comune di Zagarolo

Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunale di Tivoli — Interpretazzjoni tal-Artikolu 47(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, moqrija flimkien mal-Artikolu 6 TUE u mal-Artikolu 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Leġislazzjoni nazzjonali li tipprovdi tqassim tal-kompetenzi bejn il-qrati ċivili u amministrattivi bbażat fuq id-distinzjoni bejn id-drittijiet suġġettivi u l-interessi leġittimi — Assenza ta' distinzjoni inekwivoka bejn l-imsemmija kunċetti

Dispożittiv

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija manifestament inkompetenti sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mit-Tribunale di Tivoli (L-Italja).

(¹) ĠU C 32, 02.02.2013.

Appell ippreżentat fil-21 ta' Frar 2013 minn Electrabel SA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-12 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża T-332/09, Electrabel vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-84/13 P)

(2013/C 129/12)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Electrabel SA (rappreżentanti: M. Pittie u P. Honoré, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

- tiddikjara l-appell ammissibbli u fondat;
- bħala konsegwenza, tannulla s-sentenza appellata fejn tikkundanna lil Electrabel tħallas multa għal ammont ta' EUR 20 miljun;
- bħala konsegwenza:
 - jew tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tagħti deċiżjoni għda;
 - jew tagħti deċiżjoni definittiva billi tilqa' t-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza u billi tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija tikkundanna lil Electrabel tħallas multa għal ammont ta' EUR 20 miljun jew tnaqqis b'mod sinjifikattiv l-ammont ta' din il-multa;
 - tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti tinvoka tliet aggravji insostenn tal-appell tagħha ppreżentat kontra s-sentenza li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-10 ta' Ġunju 2009, li kkundannat lil Electrabel għal multa ta' EUR 20 miljun talli kisret l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89 (¹), dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi.

Fl-ewwel lok, l-appellanti takkuża lill-Qorti Ġenerali li kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14.3 tar-regolament iċċitat iktar 'il fuq, peress li kkunsidrat l-allegat "tul" tal-ksur bħala element ta' determinazzjoni tal-ammont tal-multa, filwaqt li dan l-artikolu jipprovdi li l-ammont tal-multa għandu jiġi stabbilit unikament skont in-"natura" u s-"serjetà" tal-ksur.

Fit-tieni lok, l-appellanti takkuża lill-Qorti Ġenerali li ma osservatx il-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-liġi, peress li applikat id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 (²) għal konċentrazzjoni mwettqa qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu u li għalhekk taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 4064/89.